MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Numru 313/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin Farrugia)**

**v**

**Desmond Falzon bin Alfred u Francis nee Formosa, imwieled Mtarfa fl-14 ta‘ Settembru, 1964 li joqghod 139, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, Msida li ghandu karta tal-identita‘ bin-numru 459464 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Desmond Falzon li gie akkuzat talli fid-9 ta‘ Frar, 2003 ghall-habta tal-10 a.m. gewwa Birkirkara;

(1) Ikkaguna feriti ta‘ natura gravi fuq il-persuna ta’Monica Montanaro, li ghandha numru tal-karta tal-identita‘ 507763 (M), skond kif iccertifika Dr D. Mallia MD (reg. 2122) tal-Isptar San Luqa.
(2) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(3) Qal kliem oxxen u espressjonijiet ta‘ dagha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta‘ tal-persuna ta‘ Monica Montanaro il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat l-artikoli mibhguta fil-konfront ta‘ l-istess akkuzat u cioe l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(bb)(dd), 342, 383, 20, 30 u 533 tal-Kapitlu 9.

Rat li l-akkuzat kien wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll li mibghuta l-artikoli ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda ta‘ Monica Montanaro, li xehdet fil-mori ta‘ din il-kawza ghal diversi drabi, jirrizulta illi hija qalghet daqqa ta‘ ponn go ghajnejha minghand l-akkuzat li fil-fatt jigi r-ragel ta‘ ohtu. Tghid l-istess parti leza illi filwaqt li kienet rieqda fid-dar tal-krituri taghha, fejn fil-fatt tghix, semghet god-dar l-ghajjat ta‘ l-akkuzat. Tghid li mar missierha jhabbtilha u qalilha li l-akkuzat ried ikellimha. Kien ghalhekk illi hija harget minn kamritha, tghid li Falzon mar ghaliha b’girja wahda. Tiddeskrivi l-incident b’dan il-mod:

“Desmond Falzon minn fejn hija Paul ghadda bi zbrixx minn fejn missieri wkoll u tani daqqa ta‘ ponn fuq in-naha tax-xellug ta‘ ghajnejja minn 15cm long.“ (folio 31).

Missier il-vittma Lawrence Montanaro kkorrobora dak li qalet bintu Monica dwar id-dinamika ta‘ l-incident, qal hekk:

“Dahal Desmond (l-akkuzat) id-dar u qalli Monica hawn qeghda ghat-tifla iva. Qalli qajjimha ha nkellimha. Ghajjattilha, qajjimtha, kif harget il-bieb tal-kamra taha daqqa ta‘ ponn u xehetha ma‘ l-art u qasmilha ghajnejha“ (folio 40).

Min-naha tieghu l-akkuzat qal kemm fl-istqarrija kif ukoll meta hu ghazel li jixhed viva voce, illi verament ta daqqa lil Monica Montanaro pero‘ mhux bil-ponn izda bil-harta. Oltre hekk l-istess akkuzat jghid illi meta Monica qamet mis-sodda biex tmur tkellmu, marret fuqu tghajjat “resqet lejja b’certa velocita‘ u tghidli ghalfejn ma tarax lill-mara tieghek... u giet b’velocita‘ kbira xxejjer idejha fuqi u qaltli ghalfejn ma tarax lill-mara tieghek x’inhi taghmel. Jien f’dak il-mument irreagixxejt billi taghha daqqa ta‘ harta ghax hi kienet qed ixxejjer idejha gejja b’velocita‘ fuqi imma f’ebda mument ma tajtha daqqa ta‘ ponn“.

Jispjega l-istess Falzon illi huwa hassu provokat mill-paroli ta’l-istess Monica Montanaro fil-konfront taz-zwieg tieghu ma‘ ohtha. Jispjega wkoll illi ali provokazzjoni kienet ukoll kagun tal-fatt li martu mentelment kienet fragli.

Illi ghalhekk bhala fatt huwa certament pruvat b’mod aktar sodisfacenti illi Desmond Falzon fera lil Monica Montanaro, frankament, hux bil-ponn jew bil-harta, il-feriment sar.

Jidher li pero‘ nqala‘ disgwid bejn in-natura tal-griehi sofferti.

Jirrizulta mix-xhieda li l-ewwal ma ra lil Monica Montanaro wara l-incident kien Dr Dennis Mallia li rrilaxxa certifikat mediku, Dok KF folio 15. Hawn iddeskriva il-griehi bhala

grievious per durata. Viva voce qal li kellha tbengila fuq ghajnejha tax-xellug u li f'din il-ferita ghamlilha xi punti. Jitkellem fix-xhieda tieghu dwar sfregju fil-wicc, pero' jghid li l-istess ferita "tigi qisha wrinkel qas tinduna biha normalment" (fol 81).

L-espert imqabbad mill-Qorti Dr Mario Scerri kkonkluda illi f'wicc Monica Montanaro ma kien hemm ebda lezjonijiet vizibbli, lanqas ma kien hemm lezjonijiet vizibbli fil-cornea ix-xellugija (folio 109 Dok MS).

Dr Mario Scerri ra lil Monica Montanaro fis-17 ta' Marzu, 2005. L-incident skond l-akkuzat gara fid-9 ta' Frar, 2003.

Din il-Qorti semghet ukoll lil Dr Jeffrey Zarb Adami, oftalmologu, tabib kuranti ta' Monica Montanaro, dana xehed dwar certifikat illi huwa rrilaxxa fil-konfront ta' Montanaro sentejn wara l-allegat incident. F'dan ic-certifikat minnu kkonfermat (folio (ll) hemm imnizzel illi "After such an injury there is always a possibility of lens opacity in the following five years. So far there is no sign of anything wrong." Jirrizulta mill-istess certifikat illi fl-ghajn Montanaro ghandha "small minor carred scar".

Spjega l-istess tabib li kien "hemm cans zghir li tizviluppa kataretta" (folio 204). Ikkonferma l-istess xhud li Montanaro kellha barxa fuq il-cornea pero' mhux fuq ic-centru taghha u li wara sentejn mill-incident ma kien inqalghalha xejn minn dik il-ppossbilita' li kien diga' tkellem fuqha, cioe l-izvilupp ta' katarretti.

Ghandu jinghad ukoll illi n-necessita' li jtella' ghal darbtejn Dr Zarb Adami emanat mill-fatt li l-parti leza ghal diversi drabi ddeponiet fis-sens li kellha problemi ottici li ma kinux qed jirrizultaw. Fil-fatt jidher mix-xhieda ta' Montanaro li hi kienet gia ghamlet bhala fatt kompjut l-ezistenza tal-katarretti f'ghajnejha x-xellugija, meta Dr Zarb Adami tkellem biss fuq possibilita' ta' tali okkorrenza.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta‘ dak premess fuq ix-xhieda deposta dwar il-griehi sofferti minn Montanaro jinhtieg li jigi stabbilit, anke in vista ta‘ l-akkuzi dedotti, x’inhi l-vera natura taghhom.

Hawn il-Qorti se taghmel ampja riferenza ghan-nota studjata pprezentata mill-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll ghall-artikoli tal-ligi addebitati lil Desmond Falzon fil-konfront tal-griehi sofferti minn Montanaro.

Huwa pacifiku illi d-deformita‘ u l-isfregju li trid il-lgii fl-artikolu 216 Kapitlu 9 ma hix abbinata mal-permanenza li trid il-ligi fl-artikolu 218 tal-Kapitlu 9. Fil-fatt kif sew citat fil-gurisprudenza riprodotta mill-Ufficjal Prosekutur, l-artikolu 216 jitkellem fuq sfregju semplici u l-artikolu 218 allura fuq wiehed gravissimu in kwantu ghal permanenza tieghu (vide Pulizija v E. Zarb per On. Imhallef Dr Harding 15/2/58).

Illi jirrizulta minn dak li qal Dr Mallia illi Montanaro bhala kura ghall-griehi minnha sofferti f’ghajnejha kellu bzonn xi suturi tant li kellha ferita twila ta‘ 1.5 cm, kellha wkoll tbengila fl-ghatu ta‘ isfel tal-ghajn tax-xellug. (folio 27).

Ghandu ovvjament jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi Dr Mallia ra lil Montanaro l-istess gurnata ta‘ incidnet cioe 9/2/03 (vide certifikat Dok KF folio 15). Huwa iccertifika l-istess ferita bhala gravi minhabba li kienet fil-wicc anke jekk f’seduta aktar tard imminimizza l-effett tas-suturi, kif gia premess, ghax qal li tigi qisha wrinkle fuq l-eyelid.

Pero`, u ghalhekk din il-Qorti ghamlet dak l-enfazi, a distinzjoni ta‘ Dr Mario Scerri, Dr Mallia ra lil Montanaro ftit wara l-incident u setgha ghalhekk jikkonstata l-griehi taghha “from a talking distance“ kif ben kristallizzat fil-gurisprudenza nostrana. In kwantu ta‘ hekk, tbengil u suturi bla ebda dubju jirrisalu ghal sfregju fil-wicc skond l-artikolu 216 tal-Kapitlu 9.

Min-naha l-ohra pero‘ ma taqbel xejn din il-Qorit ma’ dak suggerita mill-Prosekuzzjoni li gie b’xi mod sodisfatt ir-rekwizit ta‘ permanenza ai termini ta’ l-artikolu 218 tal-Kapitlu 9. Dan qed jinghad ghaliex l-istess Dr Zarb

Adami tkellem fic-certifikat minnu rilaxxat (fol 111) fuq <u>possibilita‘ ta‘ komplikazzjonijiet f’ghajn Montanaro</u> (enfazi tal-Qorti).

Lanqas ma taccetta din il-Qorti t-tezi tad-Difiza illi l-akkuzat gie provokat fl-azzjoni tieghu, jew azzjonitu kienet necessarju biex jiddefendi u jippreserva l-familja tieghu.

Inoltre ma tqisx bhala pruvati r-reati l-ohra addebitati lil Desmond Falzon, dawk kontravenzjonali taht l-artikolu 338 tal-Kapitlu 9 u l-aggravju fl-artiklu 342 tal-Kapitlu 9 ghaldaqstant mhux applikabbli.

Ghaldaqstant in vista ta‘ dak kollu premess issib lil Desmond Falzon hati tar-reat ta‘ ferita‘ gravi u dan wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitlu 9.

Tilliberah mill-akkuzi l-ohra lilu addebitati ghar-ragunijiet gia premessi.

Dwar il-piena rat l-artikoli msemmija, qieset il-fedina penali netta ta‘ l-akkuzat qieset il-fatt li Montanaro ghal darba tnejn hafret lill-akkuzat ta‘ l-incident kif ukoll ghall-fatt li Falzon jigi r-ragel ta’oht Montanaro u tqis li f’tali cirkostanzi huwa ghandu jbati piena karcerarja sospiza ta‘ sentejn ghal erba‘ snin u dan wara li rat l-artikoli 28A tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 b’dan illi qeghda torbot lil Desmond Falzon taht penali ta‘ Lm 100 Maltin illi ghal sena mil-llum b’ebda mod ma jivvessa jew jimmolesta lil Monica Montanaro.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u tornda lil Desmond Falzon li fi zmien xahar mil-llum ihallas is-somma ta‘ Lm 48.25 spejjez ta‘ l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri lir-Registratur tal-Qrati. Tordna li kopja ta‘ din is-sentenza tigi komunikata lill-istess Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------